**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 05 ta' Diċembru, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Andy Debono**
**(K.I. 378483M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Andy Debono** li ġie akkużat talli nhar it-3 ta' Diċembru, 2022 ġewwa dawn il-gżejjer:-

1) Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lis-sieħba tiegħu Graziella Abela li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-propjeta tagħha, jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li

l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva għall-imputazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib illi l-istess imputazzjoni ġiet ippruvata skont il-liġi.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u ammetta għall-imputazzjoni mal-ewwel okkażjoni li kellu. Semgħet ukoll illi kemm il-Prosekuzzjoni u d-difiża kienu qed jaqblu li l-imputat m'għandux jiġi trattat b'piena karċerarja u li jista' jiġi trattat b'piena ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre l-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-vittma tixtieq tibqa' f'relazzjoni mal-imputat dment li jirċievi l-għajnuna neċessarja minn professjonisti biex jikkontrolla r-rabja tiegħu.

Illi l-Qorti, wara ħadet dan kollu in konsiderazzjoni, u ladarba l-imputat wera x-xewqa li jindirizza l-problema li għandu, hija disposta li tagħti lill-imputat ċans li ma jingħatax piena karċerarja. Għalhekk se tkun qiegħda tilliberah b'kundizzjoni u wkoll se tkun qiegħda toħroġ Ordni ta' Trattament sabiex jingħata l-għajnuna kollha possibbli sabiex jindirizza l-problema ta' rabja li għandu. Madanakollu l-Qorti qiegħda twissi lill-imputat li jekk ma jsegwix dak mistenni minnu fl-Ordni li se tingħata, huwa se jkun qed jitlef din l-opportunita` li l-Qorti se tagħtih bil-konsegwenzi kollha li dan jista' jġib miegħu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251 (3) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Andy Debono** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti qiegħda wkoll toħroġ **Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għal żmien sentejn (2)** mil-lum u dana bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Trattament, fosthom jekk ma joqgħodx għad-direttivi tal-Professjonijisti li se jkunu qed isegwuh sabiex jikkompleta l-istess Ordni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**